MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Numru 159/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs**

**CLIVE AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Clive Agius ta' 23 sena, iben Simon u Simone nee' Azzopardi, imwieled il-Pieta' nhar is-26 ta' Marzu 1985 u joqghod gewwa Block 6, flat 2, Triq il-Fosos, Floriana, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 187685(m).

Billi gie akkuzat talli:

Fil-lejl tat-03 u l-04 ta' Jannar 2009, minn Triq Manwel Dimech, Sliema, ikkommetta serq ta' mutur ta' l-ghamla Honda, bin-numru tar-registrazzjoni FBV414, liema serq

huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta' Nikolai Borg u/jew persuni ohra.

U aktar talli fil-lejl ta' nhar it-03 u l-04 ta' Frar 2009, minn Triq il-Poeta' Nazzjonali, Zebbug Malta, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Toyota Corolla, bin-numru tar-registrazzjoni EAP967, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Mark Joseph Aquilina u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' apparat tal-Hi-Fi minn vettura numru EAP967, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2, 329.37), bil-hin, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Mark Joseph Aquilina u/jew persuni ohra.

U aktar talli bejn l- 04 ta' Frar 2009 u it-22 ta' Frar 2009, gewwa l-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi ghamel hsara fuq vettura tat-tip Toyota Corolla, bin-numru tar-registrazzjoni EAP967, liema hsarat jammontaw ghal izjed minn elf mija u erbgha u sittin centezmu (1,164.69), u dang had-detriment ta' Mark Joseph Aquilina u/ jew persuni ohra.

U aktar talli kiser ordni ta' probation moghtija lilu mill-Magistrat Dr L Quintano LL.D nhar is-17 ta' Dicembru 2008 ghall-perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma’ l-imputat bhala li huwa recediv b’sentenzi tal-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 t’April, 2009 (ara fol.53 tal-Process) u nnutat li l-imputat Clive Agius m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum wiegeb, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra.

Inoltre innutat li wara li l-Qorti qrat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 t’April, 2009 u l-imputat wiegeb, fuq domanda tal-Qorti, li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, ikkonferma li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti regghet wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat

difensur tieghu, rega' ikkonferma li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli1 17, 31, 49, 289, 261(b), (c), (f) u (g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278(2) u (3), 279(a) u (b), 280(1) u (2), 281, 325(1)(a) tal-Kap. 9 u l-artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Clive Agius, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Clive Agius ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u sitt mija u disa' u disghin Euro (Euro 699) multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------